# IL-KOLLEĠĠJATA TA' BIRKIRKARA FL-ARKIVJU TA' SAN LAWRENZ TAL-BIRGU

minn Lorenzo Zahra

B'xorti tajba li meta ġġarfet is-sagristija ta' San Lawrenz fis-17 ta' Jannar 1941, xi ħadd ra' fl-idejn kotba qodma jinġabru mid-debris u jittieħdu għal ħruq meta dan talab li dawk jinġabru fi xkejjer u jintrefgħu għax kienu dokumenti storiċi. Qajla qajla, dawn ġew restawrati u issa jinstabu merfuha kif jixraq fl-Arkivju tal-Knisja San Lawrenz ta' Vittorjosa.

L-istima li kellu l-Fundatur tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara lejn il-Parroċċa ta' San Lawrenż tal-Birgu ma kenitx zgħira. Kien jaf li kienet l-aktar parroċċa anżjana fil-gżira u meta ma sħabu kellu xi għelt, kien hedded li kien lest iqiegħed il-fundazzjoni tiegħu mkien ieħor għajr fil-Parroċċa tal-Birgu.

Fost dawk id-dokumenti salvati msemmijja, fl-opra tal-LANZON proprju fit-Tomo II niltaqgħu ma' erbgħa notizzji dwar Birkirkara. Għax Dun Lawrenz Lanzon li kien midħla ta' l-Inkwiżitur, ħaseb biex fl-Arkivji li ħalla fil-Birgu, għamel kopji mid-dokumenti li kien iżomm l-Inkwiżitur. Infatti f' dan il-volum insibu hafna tagħrif importanti li kien miġbur mill-21 volum ta' l-Atti Ċivili tas-Santo Uffizio. Hemm aktar tagħrif dwar parroċċi diversi f'Malta, u anke dwar Birkirkara, imma ħsibna li nqallbu biss dan il Volum II li hawn nikkwotaw is-suġġetti mniżżla f'tagħrif sħiħ fil-kitba ta' Lanzon.

F'paġna 17 jinsab tagħrif dwar il-fundazzjoni tal-Kolleġġjata, fl-1630, minn Don Filippo Borg u dwar is-sedja distinta ghal prepositu. Hawn jinsab it-tagħrif għax is-sedja tal-Prepostu fil-kor ta' Birkirkara hija distinta u din imsaħħa b'deċiżjoni tas-Sacra Cong. dei Riti b'dokumenti tat-3 ta' Frar 1720 iffirmat mill-Cardinal Pholi.

F'paġna oħra, dik 89, meta deher inkwiet bejn Prepositu u Kapitolu, u hawn jinsabu l-Monitorju ta' L-Inkwiżitur kif wkoll Mandat ta' "attestazzione" li jassigura favur il-kapitolu kif meħud mill-Atti Ċivili fil-volum ta' bejn l-1745-50 folio 342. Band' oħra fl-istess volum insibu wkoll tagħrif ieħor dwar Birkirkara. Din id-darba, f'paġna 379, dwar il-kwistjoni ta' preċedenża għall-fratellanza fl-istess Kolleġġjata ta' Birkirkara. Jidher li dik il-ħabta kien hemm inkwiet bejn fratellanza u oħra l-aktar bejn tas-Sagrament u dik tar-Rużarju. Wara li l-każ kien trattat fil-Palazz ta' l-Inkwizitur tal-Birgu, l-Inkwizitur Ruffo ta d-deċiżjoni tiegħu li wkoll insibu f'dan it-tagħrif tal-Lanzon bid-data tat-12 ta' Diċembru 1738. U lill-Fratellanza tas-Sagrament ingħatat kull preċedenza f'B'Kara saħansitra f'kull purċissjoni li torganizza il-Fratellanza tar-Ruzarju.

Il-ħarsien tad-drittijiet tal-Prepositu u Kapitolu wkoll jidhru f'dan il-volum; għax quddiem l-Inkwiżitur kien hemm kwistjoni dwar l-għażla tal-prokuraturi u predikaturi fil-Kolleġġjata. Hawn insibu tagħrif kif issejħet il-laqgħa kapitolari bid-daqq tal-qniepen, li saret fl-awla kapitulari, min kien preżenti, u kif wara it-talba tħabbru l-prokuraturi għas-sentejn wara Diċembru 1779, li wara ġew ikkonfermati.

Barra dan, f'dan il-volum wkoll tissemma bid-dettalji kollha Birkirkara mit-tagħrif li jagħti Mons. Duzzina, l-ewwel viżitatur u Inkwiżitur fil-Birgu bit-tagħrif dwar il-viżita pastorali tiegħu fl-1575.

F'dan it-tagħrif qsajjar li tajna ma kienx ħsieb tagħna nidħlu fid-dettalji, imma biex nuru l-importanza tal-kitbiet fl-Arkivju ta' San Lawrenz li fihom jinsab tagħrif ta' importanza kbira fil-grajjiet ta' Malta.

m.a.


★ SOMBRERO ★

VICTOR PASTIZZERIA

215, Valley Road, Birkirkara - Tel: 441457

Birkirkara-by-Pass - Tel: 494966

★ ★ ★ RAVJUL KULJUM ★ ★ ★

IL-MANAGEMENT TA'

ST. HELEN PHARMACY

48, Herba Street, B'Kara
Tel: 441589

*Jawguraw lil-Karkariżi kollha l-festi t-tajba.*